MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1312/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Tracy Helen Carter (K.I. 483300L)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenutA ghall-hlas ta’ sitt mija u tnax-il ewro, u tlieta u tletin centezmi (€612.33) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go plc li precedentement kienet topera taht l-isem ta’ Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bin- numri 21441821, 21441831, 01425062898 u 01425062899 (AC40094817) skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati A, B u C.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda l-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.
Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2010 mill-Avukat Dr. Keith Grech. u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------